MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2013

Numru. 727/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Caroline Haidon**

**Illum 4 ta' Awwissu, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Caroline Haidon ta' 30 sena, bint Robert u Carmen xebba Callus, imwielda Pieta' fil-25 t' Ottubru, 1983, residenti fil-fond nru. 118 'New Beginning' Triq il-Hamrija, Marsaskala u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 537583(M).

Akkuzata talli f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti li kisru depozizzjonijiet tal-Ligi maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda :-

1. Talli nhar it-3 t' Awwissu, 2013 gewwa B' Bugia, ghal habta ta' 11:40am, fi Triq ix-Xatt ta' San Gorg, B'Bugia kkommetiet serq ta' portmoney iswed u flus kontanti li ma jeccediex l-ammont ta' €23.29c minn fuq il-persuna ta' Rose Galea ta' 67 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza ghad-dannu ta' l-istess persuna Rose Galea karta ta' l-identita nru. 0118646m;
2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkagunat lil Rose Galea biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kienet taf jew messha taf li dik l-imgieba taghha se tikkaguna biza';
3. U aktar talli nhar it-3 t' Awwissu, 2013 gewwa Zejtun ghal habta ta' 11:00 ta' filghodu fi Triq Sant' Anglu Zejtun, b' atti esterni tajt bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq ta' handbag, liema reat ma sehhx minhabba xi haga involontarja u ndipendenti mill-volonta' taghha, u li sehh fuq persuna anzjana ta' 76 sena u cioe' ghad-detriment ta' Giuseppe Mifsud detentrici ta' karta ta' identita: 0407337M;
4. Aktar talli fl-istess cirkostanzi kkagunat fuq il-persuna ta' Giuseppe Mifsud ta' 76 sena feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. Anton Mifsud M.D.
5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba taghha kkagunat lil Giuseppe Mifsud biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kienet taf jew messha taf li dik l-imgieba taghha se tikkaguna biza;
6. Talli f' Malta xjentement laqghet jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b' kull mod li kienet indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 221, 222A, 251B, 261(a), 262(1)(a), 274(d), 276A u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet

kollha migjuba kontra taghha hlif ghas-sitt imputazzjoni u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat li l-prosekuzzjoni ddikjarat li s-sitt imputazzjoni dwar ricettazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghas-sitt imputazzjoni; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi s-sitt imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel wahda dwar serq li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din is-sitt imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, u min-naha l-ohra l-kooperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta ta’l-imputata. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputata ghandha bzonn ghajnuna biex teghleb il-vizzju tad-droga u li hija lesta li tibda tindirizza din il-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni dwar ricettazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 221, 222A, 251B, 261(a), 262(1)(a), 274(d) u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u taghhom tikkundannaha sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A ta’l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha snin; in oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ supervizzjoni ghal

perjodu ta’ erbgha snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarji l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------